**<u>Indirizz tal-Prim Ministru Robert Abela fil-ftuħ uffiċjali ta' EuroPride Valletta 2023 nhar il-Ħamis 7 ta' Settembru 2023</u>**

Il-lejla t-tajba.

Tassew kburi b'Malta li qed tilqa' fi ħdanha dan l-avveniment, bħala l-pajjiż li jinsab fl-ewwel post tal-indiċi ta' ILGA Europe.

Biex wasalna hawn kienet mixja twila.

Mixja li ma ġietx mingħajr diffikultajiet.

Mixja li ma ġietx mingħajr xettiċiżmu.

Finalment l-imħabba rebħet fuq il-mibegħda.

U għax il-kuraġġ għeleb il-biża', l-ugwaljanza għelbet l-inugwaljanza.

Kien 50 sena ilu li ta’ qabilna sabbtu saqajhom u ddikjaraw li daqshekk iżjed pajjiżna m’għandu jixħet lil uliedu l-ħabs talli jħobbu lil min iħobbu.

Għal 40 sena ftit li xejn rajna progress.

Sakemm bis-saħħa tagħkom, iva bis-saħħa tagħkom, għamilna flimkien rivoluzzjoni fid-drittijiet ċivili.

Is-saħħa tal-bidla tiġi mill-konvinzjoni tal-poplu, l-attivisti fuq quddiem nett.

U dak tagħna wera li hu poplu li jħobb.

Il-kisbiet tafuhom għax tgħixuhom.

Mhux se nirrepetihom illejla.

Ngħidilkom biss li quddiem ix-xettiċi, jien bħala Prim Ministru ta’ dan il-pajjiż se nibqa’ magħkom għax nemmen minn qalbi li l-imħabba tirbaħ fuq kollox.

L-imħabba u r-rispett ma għandhomx timbri.

Li kuntenti b'dak li ksibna, ma jfissirx li nistrieħu.

Pajjiżi oħra huma eżempju ta' kif tista' tmur lura jekk tieqaf tiġġieled l-istatus quo.

L-ugwaljanza hija xi ħaġa ħajja. Trid tibqa' tilqa' għal realtajiet differenti.

Trid tibqa' taħdem kuljum.

Irridu li kull persuna twettaq il-ħolm tagħha.

Kull persuna tkun kuntenta hawn f'pajjiżha. Għawdex u Malta.

Allow me to say a few words in English for those who joined us here for this event.

We are delighted to welcome you to Malta.

‘Equality From The Heart’ is this year’s EuroPride theme coming from a small nation in the heart of the Mediterranean, now widely regarded as a leader in LGBTIQ+ rights.

EuroPride is not just a celebration, it also sends a strong message of love and equal rights for all.

In the coming days we will unite to celebrate diversity and advocate for a more safe, inclusive, and accepting world where everyone gets the chance to fulfil their dreams.

We will affirm that tolerance is not enough.

We want a society that embraces everyone.

Despite all we have accomplished together, we still have more work to do.

We will continue to be that progressive force to ensure that discrimination ends once and for all.

I am truly honoured to have you all here with us tonight and I augur a fantastic EuroPride.

Minn qalbi nixtieq kull suċċess f'dan l-avveniment.

Ejja niċċelebraw l-ugwaljanza minn qalbna u bil-qalb u fuq kollox b'rispett.

Ejja nibagħtu wkoll messaġġ lil min għadu jsib diffikultà biex jgħix kif jixtieq, li aħna hawn għalih, li s-soċjetà tagħna,  tilqgħu fi ħdanha.

Ejja flimkien nibqgħu hawn naħdmu favur soċjetà li ma tiġġudikax iżda tħobb.

Għaliex Malta hi ta' kulħadd.